MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 373/2006

Citazzjoni Nru. 373 / 06NC

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fil-11 ta’ Mejju 2000 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta (Dok A);

2. Illi wara z-zwieg l-attegjament tal-konvenuta versu zewgha inbidel u ma gabitx ruhha ta' mizzewga fil-konfront ta' zewgha l-attur;

3. Illi fil-bidu tas-sena 2006 il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u sussegwentement fl-20 ta' Mejju 2006 il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr. Michael Dingli (Dok. B);

4. Illi l-atteggament tal-konvenuta wara z-zwieg jindika li dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b' anomalija serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

5. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

6. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b' qerq minn naha tal-konvenuta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2000 kif indikat f' estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru hamsa sitta tmienja zbarra elfejn 568/2000 u dan ai temini ta' l-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ssollevaw:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenuta.

2. Illi ghal dan l-iskop l-esponenti kitbu lill-avukat tal-attur sabiex jinghataw kwalunkwe informazzjoni li hu u/jew l-attur ghandhom dwar l-indirizz tal-assenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta, assenti, fil-11 ta' Mejju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien inkiseb b' qerq fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, dak tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] fl-intier tieghu, u dak tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-istess artikolu.

In-naha konvenuta ma ghamlet ebda eccezzjoni sostanzjali.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina bulgara, fil-11 ta' Mejju 2000, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin tlett snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sussegwentement wara konvivenza matrimonjali ta' circa hames [5] snin, il-konvenuta telqet minn Malta u ma' regghetx ghamlet kuntatt ma' l-attur zewgha.

Illi l-attur jispjega li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta tlett snin qabel iz-zwieg meta kien jahdem il-Libja; u sussegwentement baqa' jzomm kuntatt maghha. Illi meta zzewwgu, il-konvenuta bdiet kors universitarju ta' erba' snin f' Malta, bla hlas; u fil-frattemp, peress li allura ma kienitx tahdem bi qligh, l-attur kien ihallas l-ispejjez kollha kemm tieghu kif ukoll taghha. Inoltre, l-attur kien accetta li sakemm il-konvenuta tittermina l-kors universitarju taghha, huma joqghodu lura milli jkollhom it-tfal.

Illi l-attur jghid li hekk kif il-konvenuta ffinalizzat il-kors universitarju u bdiet tfittex ix-xoghol, huwa kien insista mal-konvenuta li jkollhom it-tfal, izda dina mar rieditx; u wara li kienet sabet xoghol, telqet minn Malta u abbandunat lill-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta car li l-uniku skop li l-konvenuta kellha meta zzewwget lill-attur kien sabiex hija tkun tista' tattendi l-universita' f' Malta u l-attur, allura zewgha, jiffinanzja l-ghixien taghha sakemm hija tispicca l-istudji taghha. Jirrizulta car li meta eventwalment gradwat hija ma kienitx interessata li tibqa' tghix fiz-zwieg ma' l-attur, u ghalhekk abbandunatu.

Ghalhekk jirrizulta car li l-konvenuta assenti, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, kienet eskludiet internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha l-konvivenza matrimonjali permanenti diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tal-uliedu t-trobbija ta' l-istess; u ghaldaqstant iz-zwieg in disamina huwa null fit-termini tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2000. L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenuta assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------